

**Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)**

9150/21

**ENER 236
RECH 269
IND 145
CLIMA 123**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-Nota ta' spjegazzjoni tal-Presidenza dwar l-Evoluzzjoni tal-Istrateġija għall-Idroġenu fl-Ewropa bil-ħsieb tal-Kunsill TTE (Enerġija) fil-11 ta' Ġunju 2021.



Nota ta' spjegazzjoni dwar l-Evoluzzjoni tal-Istrateġija għall-Idroġenu fl-Ewropa

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jiddeskrivi l-inizjattivi ta' politika ewlenin biex jintlaħqu emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050.

L-idroġenu huwa meqjus fih bħala strument ewlieni li jiggarantixxi li l-Ewropa tkun "newtrali għall-klima", li jippermetti l-akkoppjament u l-integrazzjoni tas-settur kif ukoll jiżgura provvista ta' enerġija nadifa, affordabbli u sigura.

F'din it-triq, hija meħtieġa infrastruttura intelliġenti, fejn żieda fil-kooperazzjoni transfruntiera u reġjonali ser tkun strumentali biex jinkisbu l-benefiċċji tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa bi prezzijiet affordabbli, b'qafas regolatorju adegwat għall-infrastruttura tal-enerġija, inkluż ir-Regolament TEN-E li diġà qed jiġi rivedut, biex tiġi żgurata konsistenza kemm mal-oġettivi tan-newtralità klimatika kif ukoll mal-oġettivi taċ-ċirkolarità u jitrawwem l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u infrastrutturi ġodda u intelliġenti.

Il-mobilizzazzjoni tal-Industrija madwar ekonomija nadifa u ċirkolari, hija fundamentali sabiex jiġu żviluppati applikazzjonijiet kummerċjali ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji f'setturi industrijali ewlenin, bħall-idroġenu nadif u l-fjuwils nodfa bbażati fuq l-idroġenu, iċ-ċelloli tal-fjuwil, il-ħżin tal-enerġija, u l-qbid, il-ħżin u l-użu tal-karbonju, li huma oqsma ta' prijorità fit-tranżizzjoni enerġetika. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' firxa sħiħa ta' strumenti huma disponibbli wkoll fil-programm qafas Orizzont Ewropa biex jiġu appoġġati l-isforzi tar-riċerka u l-innovazzjoni b'effett katalitiku partikolari fuq l-isfidi tas-soċjetà u l-missjonijiet olistiċi u filwaqt li jiġu involuti firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati.

L-Istrateġija tal-UE għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija għandha l-għan li tibni sistema tal-enerġija integrata biex tinkiseb in-newtralità klimatika billi tgħaqqad diversi vetturi tal-enerġija ma' xulxin u mas-setturi tal-użu aħħari, filwaqt li tħalli impatt fuq l-ottimizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi, minflok id-dekarbonizzazzjoni u tagħmel kisbiet fl-effiċjenza separati f'kull settur b'mod indipendenti. Din qed tinvolvi diversi teknoloġiji, proċessi u mudelli tan-negozju eżistenti u emerġenti, bħall-ICT u d-diġitalizzazzjoni, il-grilji u l-arloġġi intelliġenti u s-swieq tal-flessibbiltà.

L-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu għandha l-għan li tibdel l-idroġenu f'soluzzjoni ewlenija biex tinkiseb sistema tal-enerġija integrata adattata għan-newtralità klimatika billi tippermetti d-dekarbonizzazzjoni ta' ċerti setturi li diffiċli jiġu dekarbonizzati. Hija tiddekrivi pjan direzzjonali dwar l-idroġenu għall-UE b'objettivi ċari għal, fost l-oħrajn, it-titjib u l-użu tat-teknoloġija tal-produzzjoni tal-idroġenu, it-titjib tal-kompetittività fil-kostijiet tal-idroġenu b'mod partikolari l-idroġenu rinnovabbli prodott bl-elettroliżi, ser jirrikjedi qafas ta' suq u infrastruttura, kollha inkorporati f'perspettiva olistika tal-potenzjali ta' sinerġiji aktar b'saħħithom bejn il-vetturi tal-enerġija u s-setturi tal-użu aħħari. Tipprovdi l-ewwel pass kruċjali lejn l-istabbiliment ta' qafas regolatorju għal suq tal-idroġenu Ewropew, u fih għall-idroġenu u l-idroġenu ekoloġiku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli b'mod partikolari, li jitqies bħala prijorità ewlenija biex jinkiseb il-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn enerġija nadifa.

Filwaqt li għandu l-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Portugall huwa impenjat li jstimola l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni tal-enerġija meħtieġa, b'mod partikolari billi jibni fuq l-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu, u l-Konferenza ta' Livell Għoli tal-UE dwar l-Idroġenu (7 ta' April) ippermettiet li jiġi diskuss ir-rwol tal-idroġenu u li jiġi pprovdut għarfien dwar kif wieħed jimxi minn ideat u pjanijiet lejn is-suq bi proġetti fil-ħajja reali.

Illum huwa ċar li l-lakuni differenti jridu jiġu ssodisfati f'livelli differenti, jiġifieri l-indirizzar tal-kwistjonijiet li ġejjin:

- a) Il-ħtieġa għal strateġija u qafas legali u regolatorju li jkunu aktar dinamiċi u disponibbli ġiet enfasizzata biex tkun possibbli l-implimentazzjoni tal-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku;
- b) Jekk l-idroġenu ekoloġiku għandu jiġi adottat sabiex jiġi integrat, sistema ta' governanza u politiki abilitanti huma kruċjali, għalhekk il-politiki għandhom ikopru l-integrazzjoni tiegħu fis-sistema usa' tal-enerġija;

- c) L-istrateġiji li jkopru kemm grilja tal-gass nazzjonali b'potenzjal għoli ta' adattament, kif ukoll applikazzjonijiet wiesgħa tal-idroġenu u konverżjoni downstream għal vetturi u prodotti oħra tal-enerġija, jipprovdu aktar flessibilità f'modi kif tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni.
- d) Aktar perkorsi tal-idroġenu jgħinu wkoll biex jinħolqu ekonomiji ta' skala akbar u implimentazzjoni aktar rapida, u dan iwassal għal ċirku virtuoż ta' żieda kemm fid-domanda kif ukoll fil-provvista. L-iskemi ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni/verifika jipprovdu kundizzjoni neċessarja biex suq tal-idroġenu ekoloġiku jaħdem bi prattiki trasparenti;
- e) L-implimentazzjoni ta' aġenda ta' investiment hija meħtieġa, fejn huma involuti għodod differenti: Alleanza għall-Idroġenu Nadif, InvestEU, Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI), Għajnuna mill-Istat, Politika ta' Koeżjoni, u Tassonomija (eż. il-livell limitu tas-CO2 tal-Idroġenu taħt tassonomija tal-finanzi sostenibbli);
- f) L-għoti ta' spinta lid-domanda Is-soċjetà ċivili u l-industrija għandhom ikunu involuti biex jimmassimizzaw il-benefiċċji. L-għażliet teknoloġiċi disponibbli jvarjaw skont l-istrateġiji nazzjonali. Il-kuntesti nazzjonali, jiġifieri kif deskritt fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP), li jagħtu aktar importanza lill-isfidi soċjali, politiċi u ta' sostenibilità tal-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju, u l-bijoenerġija jantiċipaw kontributi limitati minn dawk it-teknoloġiji għat-tranżizzjoni tal-enerġija, u b'hekk jeħtieġu użu akbar tal-idroġenu ekoloġiku;
- g) Il-kostijiet tal-produzzjoni ser jiddependu ħafna mill-kundizzjonijiet ġeografiċi lokali. Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura ddedikata, jagħmlu r-reviżjoni attwali tar-Regolament tal-UE TEN-E u l-proposta mistennija għal sett ta' regoli li jirregolaw l-operazzjonijiet tan-network u l-għoti ta' skop ġdid lill-assi eżistenti għall-idroġenu, opportunità ewlenija biex jiġi indirizzat l-aġġornament meħtieġ. Kwistjoni ewlenija hija l-iżgurar li l-pass annwali tal-iżvilupp tal-potenzjal solari u tar-riħ ser ikun rapidu biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet kemm għall-elettrifikazzjoni tal-użijiet finali kif ukoll għall-iżvilupp ta' katina tal-provvista globali fl-idroġenu ekoloġiku, u l-kost li din il-kapaċità addizzjonali ser tinvolvi.
- h) Riċerka u innovazzjoni li tindirizza l-katina tal-valur sħiħa: Diġà ġiet ippubblikata proposta għas-Sħubija għall-Idroġenu Nadif, ġiet iffinalizzata sejħa għal Orizzont 2020 li tindirizza l-elettrolizzatur, u l-ewwel ċiklu huwa magħluq fir-rigward tal-Fond ta' Innovazzjoni tal-ETS;
- i) Id-dimensjoni internazzjonali: Huma involuti organizzazzjonijiet internazzjonali differenti (AIE, IRENA, CEMR, G20) kif ukoll qed isir djalogu ta' kooperazzjoni (eż. l-Inizjattiva UE-Afrika dwar l-Enerġija Ekoloġika);

- j) In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-valur għadu problema, peress li għad m'hemmx suq tal-idroġenu ekoloġiku; minħabba li m'għandu ebda azzar ekoloġiku, jew ebda fjuwil ekoloġiku għat-trasport marittimu (jiġifieri bażikament ebda valutazzjoni tal-emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra li jista' jwassal l-idroġenu ekoloġiku); l-idroġenu għadu ma ġiex ikkunsidrat fl-istatistika uffiċjali dwar l-enerġija tal-total tal-konsum finali tal-enerġija, u għad m'hemmx modi rikonoxxuti internazzjonalment biex issir distinzjoni bejn l-idroġenu ekoloġiku u dak griż. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' miri jew inċentivi għall-promozzjoni tal-użu ta' prodotti ekoloġiċi jfixkel ħafna mill-użi downstream possibbli għall-idroġenu ekoloġiku. Dan jillimita d-domanda għall-idroġenu ekoloġiku;
- k) Hemm hteġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' sostenibbiltà: L-elettriku jista' jiġi fornut minn impjant tal-enerġija rinnovabbli konness direttament mal-elettrolizzatur, mill-grilja, jew minn taħlita tat-tnejn. L-użu biss tal-elettriku minn impjant tal-enerġija rinnovabbli jiżgura li l-idroġenu jkun "ekoloġiku" fi kwalunkwe mument partikolari. L-elettrolizzaturi konnessi mal-grilja jistgħu jipproduċu għal aktar sigħat, u b'hekk jitnaqqas il-kost tal-idroġenu. Madankollu, l-elettriku mill-grilja jista' jinkludi l-elettriku prodott minn impjanti tal-fjuwils fossili, għalhekk kwalunkwe emissjoni ta' CO₂ assoċjata ma' dak l-elettriku ser ikollha tiġi kkunsidrata meta tiġi evalwata s-sostenibbiltà tal-idroġenu. B'riżultat ta' dan, għall-produtturi tal-idroġenu mill-elettroliżi, l-ammont ta' elettriku ġġenerat mill-fjuwils fossili jista' jsir ostaklu, b'mod partikolari jekk l-emissjonijiet tal-karbonju relattivi ser jitkejlu abbażi ta' fatturi ta' emissjonijiet nazzjonali.

Mistoqsijiet għad-dibattitu:

- 1. Kif jistgħu l-Istati Membri jikkooperaw biex joħlqu kondizzjonijiet biex irawmu s-suq u jħaffu r-regolamentazzjoni fir-rigward tat-teknoloġiji tal-użu finali biex tiżdied l-adozzjoni tal-idroġenu, b'mod partikolari fis-setturi li diffiċli jiġu dekarbonizzati?*
- 2. Liema huma l-prijoritajiet ta' finanzjament f'termini ta' idroġenu u kif għandu jingħata appoġġ konġunt għall-esportazzjonijiet, minħabba l-potenzjal tiegħu li jsaħħaħ is-sħubiji Ewropej?*